MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 410/2015

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Anthony Rapa (K.I.150769M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-Socjeta' attrici datat 27 ta' Mejju, 2015 fejn iddikjarat:

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u disghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€498.94c) in konnessjoni ma Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC40189151).

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 440/14, u bl-imghaxijiet legali sa mit-13 ta’ Marzu, 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Dokumenti Mehmuza:

Dok A - Prosepett

Dok B – Kuntratt

Dok C – Estratt Registru Elettorali

Dok D – Ittra Ufficjali 440/14

Sema’ x-xhieda tat-13 ta’ Lulju, 2015 moghtija minn Charmaine Wiffen li kkonfermat bil-gurament fix-xhieda taghha li l-ammont ta’ erba’ mija u tmienja u disghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€498.94c) ghadu dovut bl-ispejjez.

Ra illi l-konvenut gie ‘nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi fic-cirkostanzi t-Tribunal ihoss illi t-talba giet sufficjentament ippruvata u l-ammont ghadu dovut.

Ghaldaqtstant jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba fl-ammont ta’ erba’ mija u tmienja u disghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€498.94c) bl-imghax u bl-ispejjez hekk kif indikati fl-avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------